MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## DAVID SCICLUNA

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 273/2014

**Il-Pulizija**

**v.**

**Josef Borg**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Josef Borg, karta ta' l-identita` numru 362987(M), quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, bejn għax-xhur ta' Ġunju 2013 sa Ottubru 2013, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jagħti lil Samantha Borg u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien 15-il jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha titħallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, mogħtija fis-16 ta' Ġunju 2014 fejn dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 338(z) u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-istess Josef Borg hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta' xahrejn (2) priġunerija;

**3.** Rat ir-rikors tal-appell ta' Josef Borg ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2014 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu sabitu ħati ta' l-imputazzjoni dedotta kontrih u kkundannatu għal xahrejn priġunerija u konsegwentament tilliberah minn kull piena u ħtija skond il-liġi, u f'każ li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, li tiġi mposta piena aktar ekwa u ġusta għall-każ odjern;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet ix-xiehda; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma s-segwenti:

> "5. Illi bir-rispett kollu, l-Ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti u interpretazzjoni ħażina tal-artikolu tal-liġi in kwistjoni:
>
> "(a) Illi preliminarjament, jiġi rilevat illi l-isem tal-persuna tal-*parte civile* fl-akkuża huwa indikat bħala Samantha Borg - illi ma jeżisti l-ebda digriet fil-proċess li jobbliga lill-appellanti li jħallas manteniment lil Samantha Borg għaliha personali jew għal ulied l-istess Samantha Borg;
>
> "(b) Illi in vista ta' dan in-nuqqas, l-appellanti qatt ma seta jinstab hati li naqas li jħallas manteniment lil persuna li a favur tagħha ma hemm l-ebda digriet in atti;
>
> "(c) Illi minghajr preġudizzju għas-suespost, l-appellanti ottempera ruħu mad-digriet esebit in atti u per konsegwenza, ma hemm l-ebda manteniment dovut lil Christabelle Abela għall-perijodu indikat fiċ-ċitazzjoni;
>
> "6. Illi bid-dovut rispett, l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza u tieħu in konsiderazzjoni dawn il-fatturi;
>
> "7. Illi fid-dawl ta' dan kollu l-appellanti umilment iħoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti messha ma sabitux ħati tal-akkuża dedotta kontrih.
>
> "8. Illi mingħajr preġudizzju għas-susespost, il-piena inflitta kienet eċċessiva u ħarxa żżejjed meta wieħed jieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi tal-każ kif ukoll il-fedina penali tal-appellant, li tista' tgħid huwa *first time offender*".

**6.** Fl-affidavit tiegħu P.C. 1336 Luke M. Vella Cassia jgħid li rċieva rapport mingħand ċerta Christabelle Abela dwar in-nuqqas ta’ ħlas ta’ manteniment mingħand l-appellant. Fiċ-ċitazzjoni maħruġa mill-Pulizija Eżekuttiva, skond l-imputazzjoni dedotta, l-appellant (allura imputat) ġie akkużat li ma ħallasx manteniment lil ċerta Samantha Borg. Il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ Ġunju 2014 jgħid li xehdet “il-*parte civile*”. Din il-Qorti m’għandha l-ebda dubju li kienet l-imsemmija Christabelle Abela li xehdet, bħalma xehdet quddiem din il-Qorti. Nonostante cio` ma saret l-ebda korrezzjoni fiċ-ċitazzjoni u fis-sentenza tagħha l-ewwel Qorti sabet lill-appellant ħati li ma ħallasx manteniment “lil Samantha Borg”. Jiġifieri l-iżball baqa’ jipperpetwa ruħu.

**7.** L-appellant għandu raġun jilmenta illi hu ma kellux jinstab ħati skond iċ-ċitazzjoni meta m’għandu l-ebda ordni sabiex iħallas manteniment lil persuna bl-isem ta’ Samantha Borg. Konsegwentement l-ewwel aggravju jimmerita akkoljiment.

**8.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux ħati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta u b’hekk tilliberah minn kull ħtija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------